


# Michelangelo Sapiano u l-Arloġġ tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa

## *Xi ħsibijiet f'għeluq il-100 sena mill-mewt tiegħu li ġrat fit-2 ta' Diċembru tas-sena 1912*

**Joseph Camilleri**

F'dan l-artiklu qasir ser nipprova nillimita ruħi biex nispjega għaliex fl-opinjoni tiegħi, għandna għalfejn inkunu grati lejn Michelangelo Sapiano talli żejjen lill-Knisja Parrokkjali tagħna bl-arloġġ li ilna narawh jaħdem għal snin twal.

Ħafna mill-kittieba tal-istorja tagħna tkellmu dwar il-kobor u l-ġenju ta' dal-bniedem li bil-ħidma sfieqa tiegħu, u l-ġenjalità tiegħu minn ħanut tax-xogħol modest li kellu fir-raħal, kien kapaċi jżejjen diversi knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex b'arloġġ fil-kampnari tagħhom.

Dan seħħ fi żmien meta r-ritmu tal-ħajja in ġenerali kienet isserraħ fuq arloġġi li konna nsibu fil-pjazez tagħna - il-klassi sinjura biss kellha l-kapaċità li jkollhom arloġġ fuqhom.

B'hekk l-attività kollha minn sbieħ il-jum sa' x'ħin tinżel ix-xemx, kienet tistrieħ kollha kemm hi fuq id-daqq tal-qniepen tal-knejjes ma' sbieħ il-jum, f'nofsinhar u x'ħin tinżel ix-xemx; bl-arloġġ idoqq il-kwarti matul dawn il-perjodi. Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu illi kien essenzjali li kull lokalità jkollha l-arloġġ pubbliku tagħha sabiex il-ħajja ta' kuljum timxi b'mod ordnat.

Wieħed jistaqsi: kif kienet il-ħajja f'Ħal Luqa qabel ma' Michelang Sapiano ivvinta' l-arloġġ tiegħu lejn l-1881? Kittieb mhux magħruf, f'artiklu ferm informattiv li kien jittratta dwar il-qniepen tal-knisja u li kien ġie ppubblikat fil-*website* tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa, jsemmi l-possibilità li l-knisja tagħna kellha arloġġ ieħor qabel dan l-arloġġ li qegħdin insemmu f'dan l-artiklu.

Dettalji dwar il-mod kif Michelangelo Sapiano ħadem u stalla dan l-arloġġ fl-1881 huma skarsi ferm u biex inkunu għidna kollhox ma tistax toqgħod fuqhom.



Il-Knisja ta' Ħal Luqa.
Pittura ta' Raphael Caruana Dingli

Imma għandna nħossuna ffortunati li għandna ħjiel ta' kif kienu jgħixu l-ħajja firraħal tagħna f'jum tal-Ħadd filgħodu (għal ħabta tas-sena 1870), permezz ta' pittura ta' Raphael Caruana Dingli. Bil-knisja ta' raħal bħala t-tema prinċipali tal-pittura, Caruana Dingli jpinġilna l-pjazza, probabilment waqt il-proċessjoni tradizzjonali tal-Ħadd li kienet issir f'kull tielet Ħadd tax-xahar bis-Sagrament Imqaddes.

Il-pittur jirnexxielu jinkludi diversi dettalji sottili li jitfgħu dawl dwar kif l-ewwel arloġġ antik kien jidher mingħajr in-navi u l-kampnari tal-qniepen; kif ukoll aspetti oħra interessanti fil-pjazza. L-iktar li hu importanti għall-argument tagħna llum huwa li din il-pittura turi l-knisja b'arloġġ wieħed fuq in-naħa tax-xellug, liema arloġġ qed jindika l-għaxra u nofs biż-żewg idejn tiegħu.

Huwa importanti li wieħed jinnota illi l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li teżisti preżentement fil-pjazza, ħdejn is-salib tal-parroċċa, ma tidhirx fl-istampa ta' Caruana Dingli. Din l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni twaqqfet fl-1879; jiġifieri din l-istatwa ma kienetx hemm meta Caruana Dingli pinġa din il-pittura. Allura nkunu qed ngħidu sew meta nikkonkludu li din il-pittura saret qabel l-1879, u għalhekk irieġi l-argument illi l-arloġġ li hemm fuq in-naħa tax-xellug ma kienx l-istess arloġġ li Michelangelo Sapiano kien għamel fl-1881; imma wieħed ferm qabel.

Dettalji dwar il-mod eżatt kif Michelangelo Sapiano waħħal l-arloġġ tiegħu, u dwar min kien għamel l-arloġġ l-ieħor qabel ta' Sapiano; u dwar x'sar minn dak l-arloġġ wara li Sapiano kien bidlu mal-invenzjoni tiegħu, m'għandniex tweġiba għalihom u ser jibqgħu mistura mill-istorja. Li nistgħu ngħidu b'ċertezza huwa li għad-dsatax, għoxrin sena sussegwenti, l-villagg ta' Ħal Luqa kien moqdi b'arloġġ ġdid li kien juri l-ħin fuq faċċata waħda u jdoqq is-sigħat u l-kwarti fuq il-qniepen fil-kampnar li kien hemm fuq il-kamra fejn kien ġie nstallat l-arloġġ, kif ser naraw iktar il quddiem.

Dan iġibna għal dak li kien kapaċi jwettaq Mikelanġ Sapiano meta għall-ħabta tas-sena 1900 kienet ittieħdet deċiżjoni li l-faċċata tal-Knisja Parrokkjali kellha tiġi rinnovata mill-ġdid, billi:

- tiġi alterata l-faċċata,
- jiżdiedu n-navi fuq kull naħa tal-knisja u
- jinbidlu kompletament il-kampnari tal-istess knisja.

Malli l-awtoritajiet tal-knisja lokali bdew iħejju l-pjani għar-rinnovazzjoni tal-knisja, Michelangelo Sapiano kien ġà beda jippjana kif ser ibiddel l-istil tal-arloġġ u li jżid miegħu tliet kwadranti *(dials)* oħra mal-arloġġ.

Li kellu f'moħħu Mikelangelo Sapiano kien li l-knisja l-ġdida kif rinnovata, jkollha kwadrant li turi l-ġurnata tax-xahar *(date dial)* flimkien ma' kwadrant ieħor li juri l-ħin tal-ġurnata *(time dial)*. Żewġ kwadranti oħra li juru l-ħin tal-ġurnata u li kellhom ikunu fuq kull ġenb tal-faċċata l-ġdida tal-knisja, kellhom jiġu nstallati mal-edifiċju 'l ġdid.

*Shaft* ta' kważi 70 pied tul kellu jaqsam il-faċċata 'l ġdida tal-knisja waqt li xi *shafts* oħra twal 16-il pied kellhom jitilgħu mal-ġnub fejn kellhom jiġu l-kwadranti fuq kull ġenb *(side dials)*.

Dan kollu ħoloq diffikultajiet kbar għal Michelangelo Sapiano, li kien konxju mill-problemi li seta' jiffaċċja. L-ammont ta' telf ta' *friction* li kienet ser tiġi kkreata meta dal-proġett jitlesta, u kif iż-żamma preċiża tal-ħin, meta jkun qiegħed iqabbad ix-*shafts* u l-ingranaġġi (girijiet) li kien hemm bżonn, u iktar importanti minn hekk kif iż-żieda ta' iktar kwadranti *(dials)* kienet ser tkun milquta jew affettwata, għal dawn il-problemi kellhom jinstabu soluzzjonijiet minn qabel.

U meta l-affarijiet kollha ta' rinnovazzjoni kienu għadhom fi stat ta' disinjar, insibuh f'kuntatt dirett mal-membri tal-kumitat

responsabbli għar-rinovazzjoni tal-knisja, u jagħtihom id-dettalji kollha meħtieġa għas-suċċess tal-proġett li kien ilu jberren f'moħħu. Dawk kollha li kienu responsabbli għal din ir-rinovazzjoni, inkluż il-perit kienu kuntenti bil-proġett ta' Sapiano u tawh is-sapport kollu tagħhom.

Għalhekk waqt li x-xogħol tal-ġebel kien miexi b'ritmu mgħaġġel, tħejjew toqob u trinek *(ducts)* mnejn jgħaddu x-*shafts* li kellhom jgħaqqdu l-kwadranti *(dials)* mal-faċċata kollha u fuq iż-żewġ naħiet tal-knisja skont id-disinji ta' Sapiano.

Fis-sena 1909 meta x-xogħol tal-ġebel kien tlesta kollu, Mikelanġ Sapiano, bl-għajnuna ta' ibnu Baskal, ta' Karmenu iben Baskal, u l-ħaddieda aħwa Ciappara lestew ix-xogħol kollu biex jgħaqqdu l-kwadranti *(dials)* tal-arloġġi u l-qniepen li kien hemm mal-moviment tal-arloġġ. Interessanti ħafna huwa l-fatt illi l-kwadrant *(dial)* li kien juri d-data fl-arloġġ ta' Sapiano kienet taġġusta ruħha awtomatikament mal-bidla fil-ġranet ta' kull xahar, jiġifieri meta tiġi biex



Il-magna tal-arloġġ maħdum minn Michelangelo Sapiano li tinsab fil-kampnar fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

taqleb minn xahar għal ieħor. Per eżempju, meta kien jiġi biex jaqleb minn Frar għal Marzu, l-aġġustament ta' 28 ġurnata jew 29 ġurnata (meta tkun sena biżestili - *Leap year*) biex jaqleb għall-1 ta' Marzu kien isir awtomatikament. Finalment il-ħolma tiegħu li jagħmel l-arloġġ 'speċjali u uniku' għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa fl-aħħar seħħet tassew.

Qabel ma mmorru biex niddiskuti t-tieni punt dwar id-daqq ta' dan l-arloġġ, ikun tajjeb li nidħlu naqra fl-istorja tiegħu.

L-użu tal-qniepen biex jindikaw il-fażijiet importanti tal-ġurnata kien introdott qabel ma kienu ġew introdotti *t-time dials* pubbliċi. It-tokki tal-qniepen kienu jintużaw biex irieġu lill-popolin x'ħin għandhom iqumu, jitolbu, jmorru għall-quddiesa, jieklu f'nofsinhar u jistrieħu wara l-ikel u x'ħin għandhom jirtiraw mix-xogħol lejn djarhom.

L-ewwel arloġġi mekkaniċi pubbliċi ma kellhomx kwadranti *(dials),* imma kienu biss idoqqu l-qniepen biex jindikaw il-ħin. *Dials* ta' qabel kienu juru l-ħin permezz ta' minutiera waħda li ddur darba kull 24 siegħa u sussegwentement kull tnax. Meta ż-żamma tal-ħin saret iktar preċiża milli kienet qabel bl-użu tal-pendlu u l-*anchor escapement*, żdiedet minutiera oħra mal-kwadrant *(dial)*.

Biex idoqqu l-ħin, dawn l-arloġġi kienu jolqtu qanpiena, kif muri bl-id li tindika s-sigħat, minn tokk biex turi siegħa waħda, sa tnax-il tokk, biex tindika li kien nofsinhar jew nofs il-lejl. Iktar modernizzazzjoni matul iż-żmien wasslet biex il-movimenti tal-arloġġ idoqqu anke n-nofs sigħat u l-kwarti fuq qniepen oħra. Iktar tard, dawk li jimmanifatturaw l-arloġġi qasmu l-ġurnata ta' 24 siegħa f'perjodi ta' 6 sigħat 'l waħda għal skop ta' daqq ta' qniepen, filwaqt illi l-kwadranti *(dials)* baqgħu jimmarkaw fedelment u preċiż il-ħin ta' tnax-il siegħa.

Sapiano ma setax imur għal metodu aħjar minn dak li għażel hu għall-arloġġ ta' Ħal Luqa. Minbarra li jnaqqas mid-daqq tat-tokki tal-qanpiena, dal-metodu għen ukoll




Parti mill-magna tal-arloġġ fejn hemm imnaqqax isem Michelangelo Sapiano. Jidhru wkoll il-mazzri li jmexxu l-arloġġ.

biex jonqos ħafna wkoll l-istress li seta' kien hemm fuq il-mekkaniżmu tal-arloġġ, kif ukoll lix-xogħol tas-sagristan li kien ikollu joqgħod jagħti l-ħabel lill-arloġġ ta' kuljum. Iktar minn hekk, billi uża sett intonat ta' qniepen għad-daqq tat-tokki, bdiet tindaqq melodija qasira u ħafifa li kienet turi l-ħin lill-komunità parrokkjali kull ħmistax-il minuta.

Il-kwarti (15-il minuta) kienu jindaqqu fuq żewġt iqniepen fuq forma ta' 'Tin Tan', filwaqt illi t-tielet qanpiena kbira kienet tgħodd is-sigħat. Fl-1881 meta l-arloġġ kien ġie nstallat għall-ewwel darba, Michelangelo Sapiano kien għamel użu mill-qniepen l-antiki li kien hemm fil-kampnar fuq il-kamra fejn kien hemm l-apparat tal-arloġġ, għad-daqq tat-tokki.

(Tin-Tan, Tin-Tan - Bom - Bom – Bom) - it-tlieta u nofs ta' filgħodu jew ta' wara nofs in-nhar.

Dawn it-tliet qniepen baqgħu jintużaw anke wara s-sena 1909 meta hu personalment kien issorvelja ż-żieda u t-tlestija tat-tliet kwadranti *(dials)* l-oħra meta saret ir-rinovazzjoni tal-knisja kif spjegajna iktar qabel. Imma kellhom ikunu wliedu li lestew ix-xogħol kollu kif nafuh illum, wara li kien ġie inawgurat sett ta' qniepen ġodda tad-ditta Barigozzi fl-1928.

L-intonazzjoni perfetta tat-tokki ta' dawn il-qniepen, fl-opinjoni tiegħi, għenet bil-kbir il-mod melodjuż li bih dan l-arloġġ għadu jdoqq il-ħin, b'tali mod li Sapiano żgur kien japprovah.

U finalment naslu għat-tielet u forsi l-iktar innovazzjoni li Mikelanġ Sapiano wettaq fl-arloġġ ta' Ħal Luqa. Hemm xi ħaġa f'kull arloġġ, sija mekkaniku sija jekk mod ieħor, li wieħed jista' jsejħilha l-*pacemaker* (il-ħabel) tal-arloġġ. Dan il-*pacemaker* jiddeterieġi l-iskop li għalih inħolqu l-arloġġi... dak li jkejlu l-ħin. Bla ma mmorru fil-fond fuq it-teknikalitajiet, mhux daqshekk diffiċli li wieħed jifhem illi fl-arloġġi, hemm ħafna biċċiet li mingħajrhom il-kejl tal-ħin ma jinżammx eżatt kif suppost, jiġifieri biex juri ħin preċiż.

Hawnhekk qed nitkellmu fuq arloġġ tal-kampnar li jrid jingħata l-ħabel *(pacemaker)* ta' kuljum u b'hekk kien mistenni li juri l-ħin eżatt tal-ġurnata jew tal-lejl mingħajr ma wieħed joqgħod jaġġustah kull tant ħin. L-arloġġ irid jaħdem ta' kuljum - lejl u nhar biż-żewġ idejn (il-minutiera u dik tas-sigħat) dejjem esposti għall-elementi naturali: riħ, xita, bdil fit-temperaturi; u fil-każ tal-arloġġ tar-raħal, diversi tul tax-*shafts* u arranġamenti oħra, li kienu jġiegħlu lil kwalunkwe inġinier jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti ruħu biex jinstalla arloġġ simili.

Michelangelo Sapiano, mimli bl-esperjenza vasta li kiseb matul iż-żmien, baqa' għaddej fil-ħidma li ġie afdat biha biex isir l-arloġġ tal-knisja mibni b'mod b'saħħtu u li b'xorti tajba għalina, kellu jsalva mill-qerda tal-ikbar attakk mill-ajru li seħħ fuq il-knisja tagħna f'April tas-sena 1942, meta parti mill-knisja, inkluż wieħed mill-

kwadranti tal-ħin *(time dials)* inqered mill-bombi tal-għadu.

Għal dak li kellu x'jaqsam maż-żamma tal-ħin, Sapiano uża moviment li inkluda metodu għal dak iż-żmien *state of the art* fil-produzzjoni ta' arloġġi għal ġo kampnari, magħruf bħala l-*Gravity Escapement*. Bla ma mmorru f'dettalji tekniċi żejda biex nispjegaw il-vantaġġi ta' dan l-aggeġġ *(device)* jew metodu, ser nillimita ruħi biex ngħid illi bl-użu ta' dan l-aggeġġ, il-pendlu jingħata mbottatura *(impulse)* li permezz tagħha l-istess pendlu jitħalla jitbandal liberament waħdu, bla ma jkollu bżonn li jkun imwaħħal mal-mekkaniżmu li jħaddmu. B'din is-sistema ġie eliminat ħafna telf ta' *friction* li kienet teffettwa ż-żamma preċiża tal-ħin.

Fl-arloġġi l-oħra li kien ħadem, Sapiano kien għamel użu mill-ankra komuni jew kif bl-ingliż insibuh bħala *pin wheel type of escapement*. Imma għall-arloġġ tal-knisja ta' Ħal Luqa, Mikelanġ uża l-istess teknika li Lord Grimthorpe kien ivvinta u uża fil-*Houses of Parliament* ta' Westminster, kif komunement (u bi żball) magħrufa bħala l-*Big Ben*.

Biex intemm din il-kontribuzzjoni modesta tiegħi, nittama illi dan li għidna jservina biex nifhmu iktar il-ġmiel ta' teżori li writna fil-Knisja Parrokkjali tagħna, bid-dedikazzjoni u l-għerf ta' persuna li llum qegħdin niftakru fiha - il-kompajżan tagħna Mikelangelo Sapiano.

**Ħajr lil:**
*Website: www.luqaparish.com*
Noè Ciappara – Artikli diversi
Anton Morana - *Leħen il-Parroċċa Luqa* n. 209
Mons. Innoċenz Borg
Traduzzjoni għall-Malti - Hector Farrugia


# Bernard ta' Twanny

# tal-ħaxix

mit-Tlieta sas-Sibt
fil-Pjazza tal-Knisja, Ħal Luqa

Issibu ħaxix u frott frisk bi prezzijiet moderati.

Mela jekk trid ħaxix u frott frisk

ejja għand Bernard il-Pjazza!